MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 281/2007

**Kawża Nru: 25**

**Rikors Ġuramentat Nru: 281/07 JA.**

**A**

**-vs-**

**B et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' Ġunju, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma s-segwenti fatti li huwa jiddikjara li jaf personalment:

Illi A iżżewweġ lill-konvenuta C fid-______________________(Dok. A);

Illi l-konvenuti kellhom relazzjoni, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri D fit-________________________, ċertifikat tat-twelid immarkat (Dok. B) bin-numru ta' reġistrazzjoni ___ tas-sena ___; u

Illi l-imsemmija tarbija ġiet reġistrata b'kunjom l-attur u cioe' "A" meta hu m'huwiex il-missier; u

Illi l-missier naturali tal-minuri huwa l-konvenut B *sive* B u mhux l-attur A.

Illi l-attur ma kienx f'Malta fil-perjodu ta' bejn it-tliet mitt ġurnata sal-mija tmien jum qabel it-twelid tal-minuri D u fir-realta' l-attur ilu separat *de facto* minn ma' martu l-konvenuta C għal dawn l-aħħar tliet snin tant illi fis-____________________ huwa għamel prokura speċifika fl-atti tan-Nutar ______________ u dana kif jirriżulta fl-atti tad-digriet ta' separazzjoni numru 1562/06 ta' din l-Onorabbli Qorti.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. tiddikjara li l-imsemmija tarbija D li twieldet fit-_____________________, m'hijiex wild naturali ta' l-attur A kif jidher dikjarat fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' reġistrazzjoni ___ tas-sena ___;

2. tiddikjara li l-konvenut B *sive* B huwa l-missier naturali tal-minuri Rebecca u tordna l-korrezzjonijiet ta' l-att ta' twelid f'dan is-sens; u

3. konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni ___ tas-sena ___, mill-kolonna li tirrappreżenta isem u kunjom il-missier, il-kliem A, il-professjoni jew sengħa ta' l-attur, l-eta', post ta' twelid u residenza ta' l-attur kif ukoll isem u kunjom il-missier u residenza ta' l-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex ħaj jew mejjet u

tordna kull modifika oħra *in vista* ta' l-ewwel u tieni talba u jekk jinħtieġ, f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjeż.

Il-konvenuti nġunti minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern a fol 40.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fid-29 ta' Awissu, 2007, li permezz tagħha Jean Pierre Busuttil bħala kuratur *ad litem* tal-minuri D espona bir-rispett:

1. Illi permezz tad-digriet datat 4 ta' Lulju, 2007 fuq talba ta' Dr. Ian Micallef noe, ġie ordnat li jintagħżlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-minuri D fl-atti tar-Rikors Ġuramentat suċitat;

2. Illi permezz ta' nota ppreżentata fir-Reġistru ta' dina l-Onorabbli Qorti l-esponent aċċetta l-bandu għall-kuratur tal-minuri D;

3. Illi l-esponenti jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta C, ippreżentata fit-12 ta' Settembru, 2007, li permezz tagħha eċċepiet bir-rispett:

Illi t-talbiet kollha attriċi għandhom jiġu milqugħa *stante* li huwa minnu li hija kellha relazzjonijiet mal-konvenut B *sive* B.

Illi huwa impossibbli li żewġha A huwa missier il-minuri *stante* li ilu msiefer minn Malta sa mill-ewwel xhur tas-sena 2004.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut B, ippreżentata fit-12 ta' Settembru, 2007, li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

Illi t-talbiet kollha attriċi għandhom jiġu milqugħa *stante* li huwa minnu li huwa kellu relazzjonijiet mal-konvenuta C u dana kif jista' jirriżulta wkoll minn eżamijiet mediċi li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna.

Rat il-lista tax-xhieda.

Illi huwa impossibbli li żewġha A huwa missier il-minuri *stante* li ilu msiefer minn Malta sa mill-ewwel xhur tas-sena 2004.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-29 ta' Mejju, 2006, li permezz tagħha espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrent jipprova l-impossibbilta' fiżika bejn il-konjuġi u *cioe'* bejn l-intimata C u bejnu.

3. Illi r-rikorrent għandu jispeċifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-intimat B *sive* B sabiex jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-istess konvenut a fol 62 tal-proċess fejn indika d-dettalji personali tiegħu.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavits tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur nomine qiegħed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha l-konvenuta u reġistrata bħala bintu bħala r-raġel tal-konvenuta u minnu separata bħala tal-konvenut B; hemm ammissjoni mill-konvenuti B u C.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja*

*li waħeda mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attur u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni. Mill-provi jirriżulta li t-tarbija twieldet biss **għaxart ijiem wara** li ġie pubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut u wieħed jista' jiddeduċi li l-problemi matrimonjali bejniethom anke fid-dawl tad-deposizzjoni ta' l-atturi kienu bdew sew qabel. Anzi f'dan il-każ l-attur ilu msiefer diversi snin.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 din ġiet sorvolata għaliex saret il-pubblikazzjoni. Għandu raġun id-Direttur pero' jgħid li l-kliem "*the said*" għandhom jiġu kanċellati minn taħt il-kolonna li tagħti t-tagħrif ta' l-omm.

**Għaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenut:**

**1. tiddikjara lill-konvenut B missier naturali tal-minuri D;**

2. **tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji fl-att tat-twelid numru ___ ta' l-___ billi jiġu mniżżla l-konnotati tal-konvenut B kif indikat a fol 62 tal-proċess minflok dawk ta' l-attur.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti B u C solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------